# IL-Huttafa

POBox 498 Valletta CMR 01

Numru 7 Marzu April 1995

Dan il-magażin stampat fuq karta riċiklata

## Il-Ħuttafa tismen

Minn dil-ħarġa l-magażin favorit tagħkom se jikber b'erba' paġni oħra.

## TAPACULO

Xarba messikana?
Żifna ballroom?
Belt fil-Veneżwela?



paġna 4



Victor Falzon

*Brimba Kbira tal-Widien*

BirdLife MALTA MOS

IL-MAGAŻIN TAL-KLABB ĦUTTAF

# editorjal



Ħello ħbieb Ħuttaf!

Din is-sena naħseb ġejja għall-bdil!!

Fil-Ħuttafa 6 tajna bidu għall-Gruppi Lokali. S'issa diġà għaqqadna tnejn minn dawn il-gruppi, u anke saru xi attivitajiet. Dettalji ta' dawn il-Gruppi Lokali tibdew issibuhom f'paġna 9 ta' kull ħarġa ta' dan il-magażin.

Issa nħabbrulkom bidla oħra, din id-darba mhux fil-Klabb biss imma fl-MOS kollha. Min minnkom għandu għajnejn ta' seqer (u l-membri tal-Klabb Ħuttaf bilfors irid ikollkom għajnejn ta' seqer!!!) induna li f'paġna 1 sparixxiet l-arma l-qadima ta' l-MOS.

Issa flok din: MOS se tibdew taraw din: BirdLife® MALTA MOS

Għax issa l-MOS sar jisimha BirdLife Malta MOS. L-arma tagħna saret l-istess waħda tal-BirdLife International. Din hija Għaqda enormi mad-dinja li tiġbor fiha għaqdiet bħall-MOS. Fil-BirdLife hemm għaqdiet ikbar mill-MOS u għaqdiet iżgħar mill-MOS, għaqdiet mhux mill-Ewropa biss imma mill-kontinenti kollha tad-dinja. Dawn l-għaqdiet jaħdmu flimkien u jgħinu lil xulxin għall-ġid ta' l-għasafar u n-natura. L-MOS, le anzi l-BirdLife Malta MOS, hija kburija li hija partner f'din l-Għaqda kbira.

Li bdilna isimna ma jfissirx li bdilna l-ħidma tagħna. Xorta se nibqgħu naqbżu għall-ambjent naturali ta' Malta! Xorta se nibqgħu ngħallmu lill-membri u lill-pubbliku dwar l-għasafar u dwar in-natura salvaġġa! Xorta se nibqgħu nieħdu ħsieb il-Klabb Ħuttaf, anzi dis-sena ħa nippruvaw verament inkabbruh u nsaħħuh. Tant hu hekk li anke l-magażin stess qed inkabbru.

**Minn dil-ħarġa l-Ħuttafa se jibda jkollha 12-il paġna** u mhux aktar tmienja! Ċaw għalissa!



Victor Falzon
Editur

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet lokali | paġ 3 |
| Mid-Dinja | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq Ir-Russett Griż | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Art Gallery/Poeżija | paġ 7 |
| Attività | paġ 8-9 |
| Niltaqgħu ma' Max Farrugia | paġ 10-11 |
| Paġna Messaġġ | paġ 12 |




Bomblu Iswed

*Faċċata ta' Quddiem*

**Brimba Kbira tal-Widien**

(*Argiope lobata* - Lobed Argiope)

Hawn hi! L-ikbar brimba ta' Malta, u bla dubju waħda mill-isbaħ ukoll. Ma tantx hija komuni. U le mhix perikoluża ... kemm tibżgħu!!

**Żball!**

F'Il-Huttafa 6 paġna 2 għedna li l-isem xjentifiku tal-Gawwija Rasha Kannella huwa *Larus melanocephalus*. Kellu jkun *Larus ridibundus*. Skużawna!!

**Working Group Klabb Ħuttaf**

Silvana Agius, Isabella Borg, Robert Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (Ċer), Victor Falzon, Graziella Fenech

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima tal-BirdLife Malta MOS għall-membri ta' taħt l-erbatax-il sena. Il-Klabb jitmexxa minn grupp ta' Youth Leaders, li jorganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjajjar f'riservi naturali, talks, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin "Il-Huttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi handouts, worksheets u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll numru ta' Gruppi Lokali fil-pajjiż.

©BirdLife Malta MOS 1995

Stampat għand Poulton's Print Shop

aħbarijiet

# MOSTRU f'GĦAWDEX...




L-għaqdiet kollha ta' l-ambjent, fosthom BirdLife MOS, huma nkwetati afna bl-aħbar li għandu mnejn jinbena ajruport ġdid f'Għawdex. Dan l-ajruport jista' jibla' biċċa art kbira daqs Kemmuna!!!!! Kulħadd jaf li Għawdex mhuwiex post kbir biżżejjed għal proġett ta' dan id-daqs. Ara kemm għelieqi jintilfu, ara kemm storbju, kemm traffiku, kemm asfalt, kemm bini. X'nagħmbuh dan kollu? Lanqas l-Għawdxin stess ma jriduh. Aħna l-ambjentalisti ma naqblux ma' dan il-proġett għax se jagħmel ħsara kbira lin-natura. Ma rridux naraw ġwienaħ jillandjaw f'Għawdex... ħlief ġwienaħ ta' għasafar!

## Trumbetta f'Santa Marija!

Le le mhux se nitkellmu dwar il-banda waqt il-festa! Nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu żewġ berdwoċers minn tagħna, Mark Falzon u Oliver Cardona kienu qegħdin berdwoċing fil-bajja ta' Santa Marija f'Kemmuna.



F'mument minnhom qasam sparat minn quddiem wiċċhom għasfur żgħir. Għarfuh mill-għajta tiegħu... jekk tista' ssejħilha għajta! Fi kliem Mark, "iktar kienet qisha trumbetta tal-karnival!" Għalhekk tiskantawx li dan l-għasfur jismu **Trumbettier** (trumpeter finch - *Bucanetes githaginea*). It-trumbettier huwa għasfur skars ħafna f'Malta, u ma jidhirx kull sena. Fl-Ewropa bilkemm jafu bih, għax proprjament huwa għasfur ta' l-Afrika ta' Fuq. U ladarba Malta mhijiex 'il bogħod ħafna mix-xtut ta' l-Afrika, dan id-daqsxejn ta' għasfur imbaċċaċ b'munqar ħamrani kultant jitfaċċa hawn.




SMAJTU?

ĦAREĠ KTIEB TAL-ĠENN DWAR IN-NATURA MALTIJA

**"Il-Flora u l-Fawna ta' Malta"**

- Jiddeskrivi kważi 1000 speċi ta' pjanti u annimali li hawn f'Malta
- L-ispeċi KOLLHA mpinġijin bil-kulur
- Ħafna tpinġijiet oħra bil-linka
- Miktub minn disa' esperti
- Miktub b'Malti ħafif
- Kbir kważi daqs din il-paġna
- Fih 434 paġna
- Qoxra iebsa
- M'hawnx ieħor bħalu f'Malta (u jdum ma jkun hawn!!!)
- Jiswa BISS Lm8 miżeri!





X'QED TISTENNEW? LI JINĦATAF KOLLU?

Issibu tixtruh minn ħwienet tal-kotba, u anke min-Nature Shop tagħna f'65 Triq Sta Luċija, Il-Belt

## Park fil-Baħar




Ir-Russja ħolqot riserva naturali kbira, li parti sewwa minnha hija baħar (marine park). b'kollox fiha xi 42,000km², qisu xi darbtejn daqs Sqallija (jew daqs Malta xi 130 darba!!!).

Dan se jkun l-ikbar marine park fl-Ewropa. Fih jinkludi l-grupp ta' gżejjer Franz Josef (li qegħdin fl-Oċejan Artiku) u parti mill-Baħar Barents. Dawn l-inħawi, inkluż il-baħar, fihom flora u fawna interessanti u tipiċi tal-post. Għal żmien twil dal-post kien f'idejn il-militar, u spiss kienu jitniġġsu partijiet minnu. Imma issa saru post protett. Jekk in-Norveġja tagħmel l-istess min-naħa tagħha, dir-riserva għandha fejn tikber iktar.



Naturopa

## L-EWWEL qerduha! ISSA jriduha!



Il-**Linċa** (Lynx - *Felis lynx*) hija speċi ta' qattus imdaqqas selvaġġ. Xi sekli ilu kont issibu mxerred fil-foresti ta' ħafna mill-Ewropa. Imma l-linċa, bħal-lupu, kellha fama li toqtol in-nagħaġ, u għalhekk in-nies kienu jonsbuha u joqtluha bl-addoċċ. Barra minn hekk, ħafna mill-foresti fejn tħobb tgħix inqerdu.

Illum hija waħda mill-mammiferi rari ta' l-Ewropa. Franza wkoll kellha l-linċa fil-passat u qatluhom kollha. Issa l-folja donnha nqalbet, l-idejat qed jinbidlu, u qed ikun hemm iktar interess u rispett lejn il-ħajja selvaġġa. Ħafna jixtiequ jerġgħu jkollhom dan l-annimal stupend f'arthom. Għalhekk fil-park tal-Vosges, kollu foresti u muntanji, il-Franċiżi qed jaraw jirnexxilhomx idaħħlu l-linċa mill-ġdid.

Naturopa

## TAPACULO



**B**olivja hija pajjiż fl-Amerka t'Isfel b'ħafna muntanji (l-Andes) u foresti. Dawn il-foresti jissejħu "cloud forest" għax huma tant umdi li spiss ikunu miksijin ċpar u sħab.

F'dawn il-foresti umdi jgħixu varjetà kbira ta' annimali. Dan l-aħħar instabet speċi ġdida ta' għasfur: id-**Diademed Tapaculo** (*Scytalopus schulenbergi*). Għasfur żgħir, daqs Għammiel tal-Bejt, griż skur b'maskla żgħira.

Bħat-tapaculos l-oħrajn, huwa għasfur mistħi u ma tarahx malajr. Fil-fatt l-ewwel ma ndunaw bih kien mill-għanja. Meta jitgerrex it-Tapaculo minflok itir jippreferi jidħol jiġri jistaħba qalb il-ħaxix niexef fl-art... iktar imġiba ta' ġurdien milli ta' għasfur!!

World Birdwatch

## Fl-Italja... b'suċċess!



Għall-ewwel darba fl-Italja bejtet iċ-**Ċikonja Sewda** (Black Stork - *Ciconia nigra*). Par minnhom bnew bejta s-sena l-oħra fil-park naturali ta' Monte Fenera, u rabbew erbat ifrieħ, li kollha tajru b'suċċess.

World Birdwatch

# ir-Russett Griż

**Żmien il-passa reġa' magħna. Bħalissa l-għasafar li jkunu qattgħu x-xitwa fl-Afrika jerġgħu lura lejn l-Ewropa biex ibejtu. Fi triqthom jaqsmu deżert, baħar u kull tip ta' ambjent. Xi wħud jgħaddu minn fuq il-gżejjer Maltin, u spiss jinżlu jieklu u jistrieħu qabel ikomplu t-titjira. Fost dawn insibu r-Russett Griż.**



"...titpaxxa tara r-Russett jissajja fl-ilma u jistad."

Bħall-bqija tal-familja ta' l-irsieset (plural ta' russett), ir-Russett Griż huwa adattat biex jgħix qrib l-ilma - fil-fatt ibejjet fuq siġar kbar maġenb għadajjar u xmajjar. Għandu saqajh twal biex iċaflas u għonq twil u munqar mislut biex jistad għall-ħut u xi priża oħra li jsib fl-ilma. Huwa għasfur kbir u ta' lwien ċari fuq l-abjad u l-griż, iżda l-pinen tal-ġwienaħ huma skuri u għalhekk meta jtir jidher x'aktarx skur.

Malti: **Russett Griż**
Ingliż: **Grey Heron**
Xjentifiku: ***Ardea cinerea***

Ir-Russett Griż ipassi mill-aħħar ta' Frar sa Mejju u minn Awwissu sa Ottubru. Ġieli jidhru xi waħdiet f'xhur oħra, l-aktar fix-xitwa. Spiss narawh fi qtajja', li fil-ħarifa jista' jkun fihom ħafna għexieren t'għasafar. Jista' jitfaċċa kullimkien. F'xi nħawi max-xtut kemm-il darba jinżel jistrieħ u jiekol, u mkejjen bħas-Salina u r-riserva ta' l-Għadira huma favoriti. Billi fl-Għadira ma ssirx kaċċa, faċli li tmur titpaxxa tara r-Russett jissajja fl-ilma u jistad. Tant toffri kenn din ir-riserva li xi rsieset anke qattgħu xitwa sħiħa hemm, u s'intendi saru verament ħbieb tal-membri tal-Klabb Ħuttaf li marru jarawhom!



Russett Griż qed itir

Ir-Russett Griż jagħtina tagħlima ta' kif fin-natura kollox minsuġ bir-reqqa. Ngħidu aħna, fir-rebbiegħa r-russett ipassi kmieni lejn l-Ewropa, għax l-għadajjar ikun fihom inqas ħaxix ta' l-ilma mill-bqija tas-sena. B'hekk isib il-ħut aktar faċilment u jkollu biex jitma' lill-frieħ. L-għixien tal-frieħ jiddependi ħafna mill-għadd ta' ħut li jsibu l-ġenituri, u l-ħut huwa stess għandu bżonn ħlejjaq u pjanti oħra ta' l-ilma. Bħal dejjem, naraw li n-natura hi katina waħda: meta nbagħbsu anke rokna żgħira jew neqirdu pjanta waħda, nagħmlu ħsara lin-natura kollha.

Illum huwa illegali (kontra l-liġi) li tispara fuq Russett Griż. Madankollu hawn ħafna kaċċaturi li jirraġunaw li aktar mhu sabiħ għasfur aktar għandu jinqatel! Minħabba dawn in-nies bla sens eluf ta' rsieset jinqatlu kull sena, l-aktar meta jippruvaw jinżlu jistrieħu. Iżda r-Russett Griż għandu wkoll ħafna ħbieb: il-membri tal-Klabb Ħuttaf, li fehmu li l-ħajja jeħtieġ japprezzawha u mhux jeqirduha.

**Mark Falzon**



dinja waħda



## AMBJENTALISTI

Dawn it-tfal rebħu t-titlu **Ambjentalist tat-Term** (l-ewwel term) fil-iskema Dinja Waħda. Nieħdu pjaċir inżidu ngħidu li kollha huma membri fil-Klabb Ħuttaf.

**Svetlana Balzan** (Yr3 - B'Kara A Pr.)
**Karl Farrugia** (Yr6 - Dingli Pr.)
**Jean Noel Cutajar** (Yr4 - Żebbuġ Pr.)
**Michael Camilleri** (Yr5 - Mellieħa Pr.)
**Francene Camilleri** (Yr4 - Qala Pr.)
**Michael Bonello** (Yr6 - St.Joseph, Rabat)
**Marlon Grech** (Yr4 - Kerċem Pr.)
**Edward Abdilla** (Yr6 - Żurrieq B Pr.)
**Peter Grech** (Yr3 - Stella Maris, Balzan)
**Ian Scicluna** (Yr6 - De la Salle, Birgu)
**Charles Cuschieri** (Yr6 - Għargħur Pr.)

## KOMPETIZZJONI POSTER

Dawn huma t-tfal li ħadu premju fil-Kompetizzjoni biex ipinġu poster dwar il-Pitirross. Din kienet attività oħra fl-iskema Dinja Waħda.

**Leanne Borg** (Gżira Pr.)
**Daniela Mallia** (San Ġwann A Pr.)
**Lee Anne Bondin** (Sta.Luċija/Tarxien B Pr.)
**Elaine Buckwell** (Żabbar B Pr.)
**Luella Lee Beck** (St.Joseph, Sliema)
**Aldo Busuttil** (ĠDespott JL, Verdala)
**Nadine Briffa** (ĠDiacono JL, Żejtun)

## Iktbulna

**Għandkom xi idejat għall-Ħuttafa? Għandkom xi ċajta tajba, xi logħba interessanti, xi poeżija dwar in-natura li ktibtu intom? Hemm xi ħaġa li tixtiequ tistaqsu lill-esperti tagħna? Iktbulna f'dan l-indirizz:**

**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta MOS**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**

# ITTRI

## Martin is-Sajjied

Għażiż Editur,
Nibda billi ngħidlek u nirringazzjak tal-magażin ta' kull xahrejn Il-Ħuttafa.
Ġentilment nitolbok ftit spazju fil-ġurnal tiegħek. Nixtieqek tweġibni għal dawn il-mistoqsijiet dwar l-għasfur ta' San Martin:
1) L-għasfur ta' San Martin fejn jibni l-bejta tiegħu?
2) Dan it-tip ta' għasfur x'jiekol?
3) Kif jintgħarfu n-nisa mill-irġiel?
4) Xi kemm tbid bajd il-mara?
Grazzi

Stephanie Darmanin
Gżira



Għasfur ta' San Martin

Għażiża Stephanie,
Grazzi ta' l-ittra tiegħek. Niġu malajr għar-risposti li għandek bżonn:
1) L-Għasfur ta' San Martin (kingfisher) ibejjet f'ħofor li jħaffer fir-ramel fi ġnub ix-xmajjar. Il-ħofor ikunu mimdudin mhux weqfin (ara l-istampa).



2) Ħut żgħir mix-xmajjar.
3) Is-sessi f'dan l-għasfur għandhom l-istess kulur u l-istess daqs.
4) Minn 5 sa7 bajdiet.
Naturalment hemm ħafna iktar x'tgħid dwar l-Għasfur ta' San Martin. Jekk taqbeż qabża san-Nature Shop tagħna, għandek issib kemm trid tagħrif.
B'kumbinazzjoni ftit tal-ġimgħat oħra se nagħtu bidu għal kampanja ġdida, u l-għasfur perċimes se jkun ... hekk hu, seħibna ta' San Martin!!

L-Editur



# poeżija

Dil-poeżija sabha f'gazzetta **Josef Sapiano**, membru li jgħix il-Kanada, u bagħathielna. Kellhom bżonn il-kaċċaturi kollha tiġrilhom l-istess ħaġa...

### *A Hunter's Poem*

*A hunter shot at a flock of geese*
*That flew within his reach.*
*Two were stopped in their rapid flight*
*And fell on the sandy beach.*
*The male bird lay at the water's edge*
*And just before he died,*
*He faintly called to his wounded mate*
*And she dragged herself to his side.*
*She bent her head and crooned to him*
*In a way distressed and wild,*
*Caressing her one and only mate*
*As a mother would a child.*
*Then covering him with her broken wing*
*And gasping with failing breath,*
*She laid her head against his breast,*
*A feeble honk ... then death.*
*This story is true, though crudely told.*
*I was the man in this case.*
*I stood knee-deep in snow and cold*
*And the hot tears burned my face.*
*I buried the birds in the sand where they lay,*
*Wrapped in my hunting coat,*
*And I threw my gun and belt in the bay,*
*When I crossed in the open boat*
*Hunters will call me a right poor sport*
*And scoff at the thing I did,*
*But that day something broke in my heart,*
*And shoot again? God forbid!*

*Lemuel T Ward*

# ART GALLERY

**Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta**



*Daqquqa tat-Toppu*
*minn Peter Azzopardi*

*Widnet il-Baħar*
*minn Joseph Ferro*



# Għal Kemmuna




L-atmosfera fuq
gżira bla traffiku,
bla dħaħen, bla storbju,
bla kaċċaturi u kważi bla nies
u mhux b'wisq bini
tnessik għal ftit
li l-Maltin poplu li jgħix
fuq l-iktar pajjiż fid-dinja
li huwa ppakkjat bin-nies!!
X'ma tiġbidniex bħal kalamita
**Kemmuna!!**




Aħna tal-Klabb Huttaf se mmorru nduqu ftit mill-ġmiel, mill-kwiet u min-natura ta' Kemmuna, li hija l-ikbar santwarju ta' l-għasafar li għandna f'pajjiżna. Ejjew intom u ħajru anke lill-ġenituri tagħkom jiġu. Nagħmlu ġurnata man-natura, u niġu lura f'xi ħin wara nofsinhar. Waqt li nkunu hemm, naraw ukoll kif isir ir-ringing tal-għasafar. Inżuru wkoll riserva naturali ġdida li l-BirdLife MOS qed toħloq fuq din il-gżira maġika.

**Il-ħarġa għall-Kemmuna saret għall-Klabb ħaġa ta' kull sena. U ħafna huma l-membri li jkunu qed jistennewha. Għalhekk flok ħarġa waħda se nagħmlu tnejn, u hawn huma d-dati u d-dettalji:**

**Ġibu magħkom:**

- tromba u gwida għat-tajr jekk għandkom
- x'tieklu u x'tixorbu
- xi ħaġa għal raskom jekk taraw xi ġurnata xemx

Iġġibux imbarazz żejjed, u użaw basket li jintlibes fuq id-dahar - b'hekk tkunu iktar komdi u jdejkom ikunu ħielsa

Ħarġa A: **Il-Ġimgħa 21 April 1995**
Ħarġa B: **Is-Sibt 22 April 1995**
Prezz: **Lm1.25** kull persuna
Aktar dettalji lil min japplika

**Applikazzjonijiet li jaslu wara t-18 ta' April jintbagħtu lura awtomatikament**




Minħabba li se mmorru b'lanċa (u mhux b'aircraft carrier!!) in-numru ta' nies huwa limitat. Għalhekk jekk tixtiequ tiġi **importanti li timla l-applikazzjoni t'hawn taħt u tibgħatha** flimkien mal-flus malajr kemm tista' biex ma jiddispjaċikx!! Niżżel numru tat-telefon biex nikkuntattjawk:

## APPLIKAZZJONI GĦAL KEMMUNA

***Nixtieq niġi għall-ħarġa ta' Kemmuna!!*** *Jekk jogħġbok għaddili aktar dettalji.*

Isem: ____________________
Indirizz: ____________________
____________________ Tel: __________

**Jekk hu possibli nippreferi nattendi għal**
Ħarġa A (21 April) ☐
Ħarġa B (22 April) ☐

Ma' din l-applikazzjoni qed nibgħat ċekk/bolli mhux użati b'valur ta' Lm ______

Kemm ġejjin nies? ☐

Ibgħat lil:
Ħarġa Kemmuna Klabb Huttaf BirdLife MOS POBox498 Valletta CMR 01

Ċekkijiet pagabbli lil BirdLife Malta MOS



Norman Chetcuti

**Membri tal-Grupp Lokali Rabat-Attard waqt attività fil-Buskett**

## Gruppi Lokali

RABAT-ATTARD
Ko-ordinaturi: Audrey Chetcuti u Norman Chetcuti
Leaders oħrajn: Isabella Borg, Graziella Fenech, Marija Fenech, Justin Vassallo.
NAXXAR
Ko-ordinaturi: Mark Falzon u Silvana Agius
Leaders oħrajn: Jason Aloisio, Robert Borg, Caldon Mercieca, Rosierre Mercieca, Konrad Pizzuto.

# GREEN WEEK

**Dis-sena bħas-snin l-oħrajn se ssir il-Green Week. Dis-sena bħas-snin l-oħrajn il-BirdLife MOS se jkollha stand. Dis-sena MHUX bħas-snin l-oħrajn il-KLABB ĦUTTAF ħa jkollna stand għalina!!! Mela l-iċken ċans li jkollkom ejjew sibuna n-Naxxar. Id-dati huma mid-19 sat-23 April.**



# X'inhi EKOLOĠIJA ???

Ekoloġija hija l-istudju ta' kif l-annimali u l-pjanti jgħixu flimkien fl-ambjent naturali tagħhom. Suġġett interessanti ħafna...

**Tixtieq tkun taf iktar?**

B'75ċ biss jasallek id-dar bil-posta l-ktieb il-ġdid"EKOLOĠIJA" tad-ditta Ladybird, maqlub għall-Malti u bil-kulur.





Minn ħwienet oħra se ssibu 95c, u naturalment trid tmur int tixtrih. Aħna nibagħtuhulek b'xejn id-dar!! Imla fotokopja tal-formola t'hawn taħt (tqattax il-magażin) u ibgħathielna.

**Din l-offerta għall-membri tal-Klabb Ħuttaf BISS!!**



***Nixtieq nixtri l-ktieb il-ġdid***

*EKOLOĠIJA*

Qed nibgħatlek 75c (bolli/ċekk/postal order) Jekk jogħġbok ibgħatli kopja malajr kemm tista'!!!

Jisimni: ____________________

L-indirizz tiegħi: ____________________

____________________

PostCode: ____________________

Membership number [ ] Tel: ____________

Ibgħat lil
Klabb Ħuttaf
BirdLife Malta MOS
POBox498 Valletta CMR 01

Ċekkijiet f'isem BirdLife Malta MOS. Grazzi

**Minn dil-ħarġa nibdew sensiela ta' intervisti. Audrey Chetcuti titkellem ma' nies differenti tal-BirdLife Malta MOS, li jkellmuna dwar is-sehem tagħhom fl-għaqda.**

# Niltaqgħu ma' *Max Farrugia*

***Qatt smajtu b'xi ħadd, jew forsi kontu intom stess, li sibtu għasfur ferut u ħadtuh L-MOS? Tafu mbagħad x'isir minn dak l-għasfur? Illum se niltaqgħu ma' Max Farrugia, il-bniedem li jieħu ħsieb idewwi dawn l-għasafar.***



Max Farrugia

**Hemm xi periklu għalija jekk insib għasfur ferut?**

Jekk issib għasfur ferut trid f'xi każijiet toqgħod attent minn munqaru jew inkella saqajh. L-irsieset u l-agretti għandhom munqar qisu xabla u l-gawwi u ċ-ċief jigdmu ħafna. It-tajr tal-priża, bħal isqra, bagħdan u kuċċard, għandhom saqajhom bi dwiefer jaqtgħu u jniggżu ħafna. Dawn fin-natural jużawhom biex jiggranfaw il-priża li jaqbdu. Meta ssibu xi għasfur minn dawn oqogħdu attenti ħafna.

**Meta nsib għasfur ferut, x'għandi nagħmel l-ewwel?**

Meta ssib għasfur ferut l-ewwel ma għandek tagħmel huwa li toqgħod attent li dan ma jweġġax lilek. Poġġi l-għasfur ġo kaxxa jew inkella ġo basket (mhux f'guva jew gaġġa). Jekk ikollok xi gazzetta jew ċarruta għamilha taħtu. Minn issa 'l quddiem ħalli l-għasfur fil-kaxxa għad-dlam u għall-kwiet. Dejjem ħallilu n-nifs. Malajr kemm jista' jkun ċempel lill-BirdLife MOS (tel: 230684 jew 250229) jew inkella lili (tel: 233321).



Max Farrugia

Mhix l-ewwel darba li l-għasfur ikollu jiġi operat

**X'għandi nitimgħu, u kemm għandi nagħtih ilma?**

Xejn! Tippruvax tagħti ikel jew xorb lill-għasfur, għax jista' tagħmillu ħsara aktar minn ġid.

**Malli jasal għandek għasfur ferut, x'inhi l-ewwel għajnuna li tagħtih?**

Malli jasal għasfur għandi l-ewwel ma nagħmel huwa li nieħu d-dettalji kollha neċessarji. Nara f'liema stat jinsab u jekk ikollu bżonn il-"first aid" nibda minn hemm. Dejjem inħalli l-għasfur jikkalma mix-xokk li jkollu fuqu qabel nagħmel aktar interventi bħal infaxxar, ġibs, splints eċċ.

**L-għasafar mhux kollha jieklu l-istess ikel, inti x'tagħmel biex titmagħhom?**

Hemm għasafar li jieklu żrieragħ, oħrajn laħam, ħut jew insetti, rettili eċċ. Minħabba f'hekk aħna nkunu rridu nżommu ħażna tajba ta' varjetà ta' ikel. Barra minn hekk




ikollna ikel artifiċjali. Importanti ħafna li minbarra l-ikel normali tagħhom, jingħataw il-vitamini. Dawn ukoll skond l-ispeċi. Ikel ħaj u qrib in-natura huwa importanti għall-aħħar ġranet qabel intajjar l-għasfur.

**Sa ma jfiq l-għasfur, fejn iżżommu?**
Sakemm l-għasfur ifiq, għandi postijiet apposta fejn dawn jinżammu. L-ambjent fejn jinżammu huwa skond l-ispeċi. Importanti dejjem li fejn jinżammu jkun nadif u spażjuż.

**Jekk l-għasfur idum ħafna għandek, ma jkunx batut biex itir?**
Normalment jien ma nżommx għasafar aktar milli jkun hemm bżonn. Biex għasfur ma jkollux problemi meta jiġi biex jinħeles fl-ambjent naturali tiegħu, aħna noqogħdu 'l bogħod minnu kemm nistgħu. Jarana biss waqt it-tindif u għall-ikel, biex ma tantx jidra l-preżenza tal-bniedem. Dawn huma annimali selvaġġi, mhux pets. Qabel jintelaq għasfur jitpoġġa f'post kbir biex iħaddem il-ġwienaħ.

**X'isir meta l-għasfur ikun fieq għal kollox?**
Meta għasfur ifiq għal kollox u jkun fi stat li jista' jintelaq, jibdew isiru arranġamenti meħtieġa. Inżidulu fl-ikel u nitilquh f'post akbar biex jagħmel ftit "exercise". Meta dan l-istadju jgħaddi minnu, l-għasfur jitpoġġa f'kaxxa u jittieħed fl-ambjent naturali tiegħu: x'uħud ħdejn il-baħar, oħrajn qrib is-siġar. Oħrajn neħduhom fir-riserva ta' l-Għadira jew Is-Simar. Ikun hemm xi għasafar li jintbagħtu wkoll barra minn Malta, minn fejn jintelqu.


## "Il-Passa ta' l-Għasafar"




Ktieb bil-kulur li jispjega l-miraklu tal-passa.

# Għalik b'xejn

jekk iddaħħal membru ġdid fil-Klabb Ħuttaf!

Imla dil-formola u ibgħatha lil
**Daħħal Membru Ġdid Klabb Ħuttaf**
**BirdLife Malta MOS**
**POBox498 Valletta CMR01**

# !!!IRNEXXIELI!!!

Dettalji tal-membru l-ġdid

**Isem:** ____________________

**Indirizz:** ____________________

____________________

____________________

**Tel:** ________ **Data tat-twelid:** ________

Dettalji tiegħi

**Isem:** ____________________

**Membership number:** [ ]

Ma' dil-formola għandek issib ċekk/postal order/bolli mhux użati b'valur ta' Lm1.

Jekk ma tridx tgħarraq il-magażin tista' tieħu fotokopja u tibgħat lilha



Victor Falzon

Dix-xadina tgħix fuq bejt ta' dar f'Malta.Torqod f'kaxxa tal-landa. Tqatta' l-ġurnata bilqiegħda tħares jew tippassiġġa minn tarf sa tarf ta' wajer oħxon li għandha marbut ma' sieqha. Kumpanija ħadd, ħbieb xejn... Lill-bnedmin ma nistgħux inżommuhom ilsiera.

**Għaliex l-annimali iva?**
**Għaliex l-annimali iva?**
**Għaliex l-annimali iva?**
**Għaliex l-annimali iva?**
**Għaliex l-annimali iva?**